# SPAZJU TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA: L-ASPETTI ĠENERALI

It-Trattat ta' Lisbona jagħti importanza kbira lill-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Huwa introduċa għadd ta' elementi ġodda importanti: proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet aktar effiċjenti u demokratika li sservi ta' tweġiba għall-abolizzjoni tal-istruttura l-qadima ta' pilastri; setgħat akbar għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE; u rwol ġdid għall-parlamenti nazzjonali. Id-drittijiet bażiċi huma msaħħa permezz ta' Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li issa hija legalment vinkolanti għall-UE.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 3(2) tat-TUE jiddisponi kif ġej: "L-Unjoni għandha toffri liċ-ċittadini tagħha spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni, li fih il-moviment liberu tal-persuni jkun assigurat flimkien ma' miżuri xierqa f'dak li jirrigwarda l-kontrolli tal-fruntieri esterni, l-asil, l-immigrazzjoni kif ukoll il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontriha." Ta' min jinnota li dan l-Artikolu, li għandu bħala għan li jistabbilixxi l-objettivi ewlenin tal-UE, jagħti prijorità ogħla lill-istabbiliment ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja milli fit-Trattat preċedenti ta' Nizza peress li minn issa 'l quddiem dan l-objettiv jiġi ċċitat jerġa' qabel dak tal-ħolqien ta' suq intern.

It-Titolu V tat-TFUE – l-Artikoli 67 sa 89 – huwa ddedikat lill-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Minbarra d-dispożizzjonijiet ġenerali, dan it-titolu fih kapitoli speċifiċi dwar:

— il-politiki dwar il-kontrolli fil-fruntieri, l-asil u l-immigrazzjoni;

— il-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili;

— il-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali;

— il-koperazzjoni tal-Pulizija[1].

Id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri skont it-Titolu V tat-TFUE, filwaqt li r-Renju Unit u l-Irlanda jipparteċipaw biss fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi wara deċiżjoni li jipparteċipaw ("opt in") (il-Protokolli Nru 21 u Nru 22).

Minbarra dawn id-dispożizzjonijiet, għandha ssir referenza wkoll għal artikoli oħra li huma marbutin b'mod inseparabbli mill-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, tal-Artikolu 6 tat-TUE, dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, tal-Artikolu 8 tat-TFUE, dwar il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi,

[1]Ara l-Iskedi Informattivi 4.2.2, 4.2.3, 4.2.4, 4.2.6, 4.2.7.

tal-Artikolu 15(3) tat-TFUE, li jikkonċerna d-dritt għall-aċċess għal dokumenti tal-istituzzjonijiet, tal-Artikolu 16 tat-TFUE, dwar il-protezzjoni tad-data personali, u tal-Artikoli 18 sa 25 tat-TFUE dwar in-non diskriminazzjoni u ċ-ċittadinanza tal-Unjoni.

## L-OBJETTIVI

L-objettivi stabbiliti għall-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja huma speċifikati fl-Artikolu 67 tat-TFUE:

— "L-Unjoni għandha tikkonsisti fi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja b'rispett għad-drittijiet fundamentali u s-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri.

— L-Unjoni għandha tassigura li ma jkunx hemm kontrolli fuq il-persuni fil-fruntieri interni u għandha tiżviluppa politika komuni dwar l-asil, l-immigrazzjoni u l-kontroll fil-fruntieri esterni ibbażata fuq is-solidarjetà bejn l-Istati Membri, li tkun ġusta lejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, il-persuni apolidi għandhom jiġu trattati bħala ċittadini ta' pajjiżi terzi.

— L-Unjoni għandha tagħmel ħilitha sabiex tassigura livell għoli ta' sigurtà permezz ta' miżuri ta' prevenzjoni u ta' ġlieda kontra l-kriminalità, ir-razziżmu u l-ksenofobija, permezz ta' miżuri ta' koordinazzjoni u koperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-pulizija u ġudizzjarji u awtoritajiet kompetenti oħrajn, kif ukoll permezz tar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali u, jekk meħtieġ, permezz tal-approssimazzjoni ta' liġijiet kriminali.

— L-Unjoni għandha tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja, b'mod partikolari permezz tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili".

## IL-KISBIET

### A. Il-karatteristiċi ġodda prinċipali introdotti mit-Trattat ta' Lisbona

#### 1. Proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet aktar effiċjenti u aktar demokratika

It-Trattat ta' Lisbona abolixxa t-tielet pilastru, li kien ibbażat fuq il-koperazzjoni intergovernattiva, u b'hekk il-metodu tal-Komunità ġie ġeneralizzat fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. L-adozzjoni tat-testi leġiżlattivi issa qed issir, fil-prinċipju, skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja deskritta fl-Artikolu 294 tat-TFUE. Il-Kunsill jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, u l-Parlament Ewropew, bħala koleġiżlatur, jippronunzja ruħu permezz tal-proċedura ta' kodeċiżjoni.

#### 2. Rwol ġdid għall-parlamenti nazzjonali

L-Artikolu 12 tat-TUE u l-Protokolli Nru 1 u Nru 2 jippreċiżaw ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE. Il-parlamenti nazzjonali issa għandhom tmien ġimgħat biex fihom jeżaminaw kwalunkwe abbozz leġiżlattiv partikolari fid-dawl tal-prinċipju tas-sussidjarjetà; sakemm dak il-perjodu jkun skada, ma tista' tittieħed l-ebda deċiżjoni fil-livell tal-UE dwar dak l-abbozz. Fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jekk kwart mill-parlamenti nazzjonali jitolbuh, dan l-abbozz irid jiġi rieżaminat (l-Artikolu 7(2) tal-Protokoll Nru 2).

Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiġi ppreżentata rikors għal annullament jekk isir ksur, minn att leġiżlattiv, tal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Il-parlamenti nazzjonali jipparteċipaw fil-valutazzjoni tal-Eurojust u l-Europol (Artikoli 85 u 88 tat-TFUE).

**3.** Prerogattivi akbar għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE

Il-Qorti tal-Ġustizzja issa tista' tagħti deċiżjonijiet preliminari, mingħajr restrizzjoni, dwar l-aspetti kollha tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Wara t-tmiem ta' perjodu tranżitorju ta' ħames snin mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona (jiġifieri mill-1 ta' Diċembru 2014), l-atti adottati fil-qafas tat-Trattat preċedenti fir-rigward tal-koperazzjoni tal-pulizija u l-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali jistgħu wkoll ikunu s-suġġett ta' tali rikors. L-istess sistema tapplika fir-rigward tar-rikorsi għal inadempjenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (Protokoll 36).

**4.** Rwol aktar prominenti għall-Kummissjoni

Il-possibbiltà għall-Kummissjoni li tintroduċi rikorsi għal inadempjenza fir-rigward tal-Istati Membri minħabba nuqqas ta' rispett għad-dispożizzjonijiet li saru fil-qasam tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, tikkostitwixxi karatteristika ġdida importanti li tagħtiha setgħa ġdida biex tissorvelja l-applikazzjoni korretta tat-testi leġiżlattivi.

**5.** L-involviment potenzjali tal-Istati Membri fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-politiki li jikkonċernaw l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja

L-Artikolu 70 tat-TFUE jiddisponi li l-Kunsill jista', fuq proposta tal-Kummissjoni, jadotta miżuri li jistabbilixxu l-arranġamenti li permezz tagħhom l-Istati Membri, b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, jagħmlu valutazzjoni oġġettiva u imparzjali tal-implimentazzjoni, mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, tal-politiki fil-qasam tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

**B.** Ir-rwol ta' ppjanar tal-Kunsill Ewropew

B'mod parallel mal-evoluzzjoni marbuta mat-Trattati suċċessivi, ir-rwol tal-Kunsill Ewropew għandu jkun partikolarment enfasizzat f'dak li jikkonċerna l-iżviluppi u l-progress li saru fid-diversi oqsma tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Il-Kunsill Ewropew ta' Tampere f'Ottubru 1999 inkluda laqgħa speċjali ddedikata biex jiġi diskuss kif jista' jiġi stabbilit spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja billi jiġu sfruttati għalkollox il-possibbiltajiet offruti mit-Trattat ta' Amsterdam.

F'Novembru 2004, il-Kunsill Ewropew adotta programm ta' azzjoni ġdid għal tul ta' ħames snin, il-programm ta' The Hague.

Fl-10 u l-11 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill Ewropew adotta l-Programm ta' Stokkolma. Dan il-programm pluriennali ġdid għall-perjodu mill-2010 sal-2014 iffoka fuq l-interessi u l-ħtiġijiet taċ-ċittadini u ta' persuni oħra li lejhom l-UE għandha responsabbiltà.

It-Trattat ta' Lisbona jirrikonoxxi formalment ir-rwol preeminenti tal-Kunsill Ewropew li "jiddefinixxi l-linji gwida strateġiċi għal ippjanar leġiżlattiv u operazzjonali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja" (Artikolu 68 tat-TFUE). F'Ġunju 2014, il-Kunsill Ewropew iddefinixxa dawn il-linji gwida tul is-snin li ġejjin. Dawn il-linji gwida huma b'konformità mal-prijoritajiet stabbiliti fl-aġenda strateġika għall-UE, li ġiet adottata f'Ġunju 2014

ukoll. Il-linji gwida strateġiċi jibnu fuq il-progress li sar mill-Programm ta' Stokkolma. Bħalissa qed isir rieżami ta' nofs it-terminu ta' dawn il-linji gwida.

**C.** L-istabbiliment ta' korpi speċjalisti għall-ġestjoni tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja: L-aġenziji

Ġew stabbiliti diversi aġenziji biex jikkontribwixxu għall-ġestjoni tal-politiki f'ċertu numru ta' oqsma importanti tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja: il-Europol, għall-koperazzjoni tal-pulizija; il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL); il-Eurojust, għall-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali; l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), li tittratta d-drittijiet fundamentali u d-diskriminazzjoni; iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA). l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), li hija responsabbli għall-koordinazzjoni tal-kontroll tal-fruntieri esterni; l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO); u l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA).

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament Ewropew għandu għażla ta' għodod u setgħat li jagħtuh il-kapaċità li jaqdi r-rwol tiegħu bis-sħiħ:

— Kompetenza leġiżlattiva sal-punt li, anki qabel it-Trattat ta' Lisbona, il-Parlament Ewropew aġixxa bħala koleġiżlatur fil-qafas tal-proċedura ta' kodeċiżjoni, fejn l-involviment tiegħu f'materji tat-tielet pilastru kien limitat għall-għoti ta' pariri konsultattivi;

— Kompetenza baġitarja, peress li l-Parlament Ewropew jiddetermina l-baġit tal-UE b'mod konġunt mal-Kunsill;

— Is-setgħa li jressaq proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-qafas ta' rikors għal annullament, kompetenza li l-Parlament Ewropew eżerċita, pereżempju, biex jitlob u jikseb l-annullament ta' ċerti Artikoli tad-Direttiva 2005/85/KE dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat[2];

— Is-setgħa ta' inizjattiva politika li l-Parlament Ewropew jeżerċita permezz tal-adozzjoni ta' rapporti fuq inizjattiva proprja u riżoluzzjonijiet dwar temi li l-Parlament Ewropew jagħżel li jindirizza;

— Il-possibbiltà li jintbagħtu delegazzjonijiet fl-Istati Membri sabiex jidentifikaw il-problemi u biex jivverifikaw kif il-leġiżlazzjoni adottata fil-livell tal-UE qed tiġi implimentata.

Il-prijoritajiet prinċipali enfasizzati b'mod kostanti mill-Parlament Ewropew matul is-snin li għaddew jistgħu jingħataw fil-qosor kif ġej:

— Ir-rikonoxximent u l-kunsiderazzjoni tal-importanza dejjem akbar tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fil-kuntest tal-iżvilupp tal-UE;

[2]Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-6 ta' Mejju 2008, Kawża C-133/06.

- L-abolizzjoni tat-tielet pilastru u l-integrazzjoni tal-oqsma tal-koperazzjoni tal-pulizija u tal-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proċeduri u l-leġiżlazzjoni tal-UE sabiex il-Parlament Ewropew ikun jista' jeżerċita għalkollox ir-rwol demokratiku tiegħu fil-proċess leġiżlattiv;
- L-abbandunar tar-regola tal-unanimità fil-Kunsill sabiex jiġi ffaċilitat it-teħid tad-deċiżjonijiet;
- Iż-żamma ta' bilanċ ġust bejn il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u r-rekwiżiti tas-sigurtà u tal-ġlieda kontra t-terroriżmu;
- It-tisħiħ tal-protezzjoni u tal-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali b'mod partikolari permezz tal-adozzjoni ta' Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE li għandha forza ġuridika vinkolanti kif ukoll permezz tal-istabbiliment ta' Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali li tikkostitwixxi strument effikaċi ta' appoġġ u għarfien espert fil-qasam tad-drittijiet fundamentali.

Kristiina Milt
05/2019